# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 193/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Joseph Cini**

Illum 30 ta' Lulju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Joseph Cini**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 304664(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer nhar il-11 ta' Jannar 2016:

1. inġurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PC 1258, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dak is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. irrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

3. naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija u dan bi ksur ta' Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' April 2016, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 31, 49, 50, 95 u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu u kkundannatu erbatax (14)-il xahar priġunerija kif ukoll għal ħlas ta' multa ta' tlitt elef u tmien mitt Euro (€3,800). *Ai termini* ta' Artikoli 579(2) u 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija skont id-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli nhar is-17 ta' Ġunju 2013, ossia s-somma ta' tlitt elef u ħames mitt Euro (€3,500).

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-18 ta' April 2016 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tirrevoka s-sentenza tas-7 t'April 2016 billi tilliberah mill-akkuża kontra tiegħu u fin-nuqqas tagħti sentenza aktar ekwa u ġusta."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat illi b'digriet mogħti fil-5 ta' Marzu 2024 (*a fol.* 360 *et seq.*) din il-Qorti laqgħet it-talba tal-appellant sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement irreferietu quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Rat in-Noti ppreżentati mill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fl-10 ta' Lulju 2025 (*a fol.* 384) u fl-14 ta' Lulju 2025 (*a fol.* 389) fejn il-Bord informa lil din il-Qorti li kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-appellant u fejn għalaq il-każ tiegħu b'suċċess.

Rat in-Nota tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ppreżentata fl-14 ta' Lulju 2025 (*a fol.* 385 *et seq.*) fejn fiha l-Qorti ġiet infurmata x'kawżi seta' kellu pendenti l-appellant quddiem il-Qorti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2025 u li minkejja li l-konsulent legali tal-appellant ngħata żmien sabiex, jekk ried, jippreżenta Nota ta' Sottomissjonijiet, huwa baqa' ma ppreżenta l-ebda Nota ta' Sottomissjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-7 ta' April 2016.

Illi l-appellant allura imputat ġie akkużat quddiem l-Ewwel Qorti bl-imputazzjonijiet elenkati aktar 'il fuq f'din is-sentenza u huwa nstab ħati tagħhom mill-Qorti msemmija.  L-appellant appella mis-sentenza li ngħatat fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Qorti u din is-sentenza tirrigwarda l-appell tal-appellant.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellant huwa li l-Ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirriżultaw mill-provi

prodotti. Jisħaq li l-Prosekuzzjoni ppruvat li hu qal il-kliem: *"purċinell"* u *"Jiena ala ... minnek u minn għaxar Pulizija bħalek ..... la noħroġ minn hawnhekk tkun taf int".* Jgħid li dan il-kliem ma jwassalx dak li jrid il-leġislatur. Jisħaq li l-Prosekuzzjoni trid tipprova li hu ried ibeżżża' lill-uffiċjal tal-Pulizija u mhux li jgħajjar lill-istess uffiċjal. Jargumenta li PC 1258 Carmel Debattista jgħid li dawn il-kliem dejjquh u mhux li beża' jew li ħass li b'dawk il-kliem hu (l-appellant) ried ibeżżgħu. Jgħid li mbagħad PC 1258 qal li ħassu mhedded. Jisħaq li persuna li hija arrestata u li għandha l-manetti ma tistax thedded. Jgħid li l-iskontru kien fuq il-manetti biss. Jgħid li uffiċjal tal-Pulizija ma għandux ikun sensittiv iżżejjed meta parti minn xogħlu huwa li jarresta persuni f'dan il-kuntest. Jargumenta li l-Qorti għandha tieħu dawn iċ-ċirkostanzi in konsiderazzjoni.

Illi minħabba li fl-aggravju in eżami l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti jkun opportun li qabel din il-Qorti tipproċedi ulterjorment li hija tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula

mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi l-ewwel imputazzjoni taqa' taħt Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li fis-sena 2016 kien jaqra hekk:

"Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew jhedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena stabbilit għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkustanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux anqas minn tmien mitt Euro (€800) u mhux iżjed minn ħamest elef (€5000)."

Illi l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti jirrigwarda allegazzjoni dwar theddid. Din il-Qorti hija tal-fehma li f'dan l-istadju tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Ġunju 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Gauci** (Numru 28/2003) fejn din il-Qorti qalet is-segwenti:

"Biex ikun hemm tali theddid, is-suġġett attiv irid ikun qed jipprospetta – bil-kliem, ġesti jew b'mod ieħor[2] – xi

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

forma ta' ħsara inġusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suġġett passiv. Huwa veru li ma hemmx għalfejn li prospettata tkun determinata fis-sens li jiġi indikat b'xi grad ta' preċiżjoni l-interess, ġuridikament relevanti, tas-suġġett passiv li jkun qed jiġi minaċċjat u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jgħid *"e' sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita' della persona a cui e' rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro' vedere di che cosa sono capace.'"*[3] Pero' dan it-turbament dejjem irid ikollu xi bażi oġġettiva."

Illi fis-sentenza mogħtija fis-6 ta' Jannar 2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Catherine Grixti** (Numru 115/2015), din il-Qorti qalet hekk:

"Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-inġurja jew theddid fil-konfront ta' l-uffiċjal pubbliku. Illi għalhekk l-element materjali ta' dan ir-reat huwa l-inġurja jew it-theddid, intenzjonat biex inaqqas il-ġieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dan ir-reat jista' jkun biss l-uffiċjal pubbliku u l-inġurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi tkun qed tagħmel servizz pubbliku (2) jew inkella minħabba li jkun għamel dana s-servizz pubbliku, (3) jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jagħmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-inġurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-liġi. Dana billi meta l-oltraġġ isir fil-mument illi l-uffiċjal pubbliku jkun qiegħed jagħti s-servizz ma huwiex neċessarju illi l-inġurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi

[2] "Fid-dottrina wieħed isib referenza għal minaċċa espliċita u impliċita, diretta u indiretta, reali u simbolika. Jista' jkun hemm ukoll minaċċa kondizzjonata – ara l-Artikolu 249(2) tal-Kodiċi Kriminali."
[3] "Antolisei, F. ***Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I***, Giuffre', Milano 1986 p. 140."

huwa jkun qiegħed jeżerċita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tiegħu, igħidu:

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre.""*

Illi l-Qorti għarblet sew dak li ntqal mid-diversi xhieda li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti u waslet għall-konklużjoni li fil-konfront ta' PC 1258 Carmel Debattista ntqal kliem ta' theddid li ddisturba lill-uffiċjal in kwistjoni. Dan sar waqt il-qadi tad-dmirijiet minn dan l-uffiċjal għaliex kien inkarigat li jieħu ħsieb tal-appellant waqt li dan tal-aħħar kien sejjer l-isptar għall-kura waqt li kien hemm Mandat ta' Arrest maħruġ minn Maġistrat fil-konfront tiegħu. Anke f'każ li din il-Qorti telimina l-kelma *"purċinell"* u kliem ieħor xejn dinjituż li ntuża mill-appellant fil-konfront ta' PC 1258, però fl-istess waqt din il-Qorti ma tistax tinjora l-kliem li ngħad mill-istess appellant meta qal (*a fol.* 92): *""Issa tkun taf int qed tagħmilli dawn il-manetti. […] Noħroġ barra u nibda bik.""* Meta kien mistoqsi minn PC 1258 jekk kienx qed jheddu, jirriżulta li l-appellant wieġeb: *""Jien ala bieb *obbi minnek u minn għaxar Pulizija bħalek […] la noħroġ minn hawnhekk tkun taf int.""*

Illi l-appellant allura imputat xeħed imma beda jħawwad okkażjoni fil-passat mal-preżent. Huwa allega li fis-sena 2011 kien imsawwat mill-Pulizija. Dan it-taħwid u r-referenzi għall-passat bl-ebda mod ma jħassru l-kliem li ntqal minnu lil PC 1258. Jirriżulta li s-suġġett passiv (ossia PC 1258) ħassu skomdu ħafna bit-theddid tal-appellant. Għandu jingħad ukoll li dan il-kliem intqal fi sfond ta' persuna li kien saħansitra ħarab mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u dam xahrejn ma nstab. Fuq kollox jekk xhud wieħed jitwemmen huwa biżżejjed biex kliemu jista' jammonta għal prova li ma tħalli ebda dubju raġjonevoli f'moħħ min irid jiġġudika. Għaldaqstant għamlet sew l-Ewwel Qorti li

sabet ħtija fl-appellant allura imputat fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Illi dwar it-tieni (2) imputazzjoni, ossia dik li tirrigwarda r-reċidiva, għandu jingħad li mill-atti proċesswali jirriżulta li kienu ppreżentati diversi sentenzi b'sentenzi ta' priġunerija li fihom jidhru l-konnotati tal-persuna kontra min ingħataw liema konnotati jaqblu ma' dawk tal-appellant. Biżżejjed issir referenza għas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Ġunju 2012 (Dok. "GM 2" – *a fol.* 28 *et seq.*) fejn l-appellant kien ikkundannat sentejn u nofs priġunerija b'dan illi l-allegat theddid sar fil-11 ta' Jannar 2016 u għalhekk ir-reat seħħ anqas minn ħames snin wara li kien skonta s-sentenza. Għalhekk huwa ċar li l-appellant huwa reċidiv

Illi dwar it-tielet (3) imputazzjoni, ossia dik li biha l-appellant allura imputat ġie akkużat li naqas li josserva l-kondizzjonijiet dwar il-ħelsien mill-arrest f'liema kondizzjonijiet hemm inkluża kondizzjoni ma jwettaqx reat ieħor, jirriżulta li dawn il-kondizzjonijiet kienu għadhom viġenti u li l-appellant kisirhom meta wettaq reat ieħor.

Illi b'hekk isegwi li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha fir-rigward tat-tliet imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant allura imputat bil-konsegwenza li l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu. Huwa jgħid li minkejja li din il-piena hija fil-parametri tal-liġi però jisħaq li mhijiex ekwa u ġusta.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li minn dakinhar li seħħ ir-reat mertu tal-proċeduri odjerni saru xi emendi kemm f'Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (ossia dak li jirrigwarda l-ewwel (1) imputazzjoni) u kif f'Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (ossia dak li jirrigwarda t-tielet (3)

imputazzjoni). Ovvjament għandha tapplika l-piena l-aktar favorevoli għall-appellant.

Illi apparti dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti, dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti tinnota li, wara li ġie ppreżentat ir-Rikors tal-appell tal-appellant f'dawn il-proċeduri, l-appellant talab li *ai termini* ta' Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga (*a fol.* 307 *et seq.*), liema talba ġiet milqugħa wara li nstemgħu xhieda fir-rigward tat-talba msemmija (*a fol.* 360 *et seq.*) u fejn il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti li kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant u fejn għalaq il-każ tiegħu b'suċċess (*a fol.* 384 u *a fol.* 389). Dan kollu ser jittieħed in konsiderazzjoni fir-rigward tal-aggravju in eżami.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dennis Cremona** (Numru 151/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi, it-talba minnu magħmula fit-termini tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll għandha bħala l-fini tagħha mitigazzjoni fil-piena u għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi, ġialadarba issa assumiet funzjoni ta' Qorti Dwar id-Droga, għandha taqdi din il-funzjoni l-ewwel u qabel kollox, fid-dawl tal-aggravju imqanqal, kif ingħad."

Illi wara li din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll is-segwenti:

- in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-appellant li ġew ippruvati;

- il-fedina penali tal-appellant;

- il-fatt li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant jirrisalu għas-sena 2016 u għat-trapass ta' żmien li ħadu l-proċeduri odjerni sabiex jiġu konklużi llum;

- il-fatt li jirriżulta li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti li l-imsemmi Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant fejn huwa għalaq il-każ tiegħu b'suċċess.

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq u tenut kont tal-atti probatorji riżultanti f'dan il-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant huwa kandidat idoneu sabiex fil-konfront tiegħu jiġu applikati d-dettami ta' Artikoli 8(7) u 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll il-proviso ta' Artikolu 8(7) tal-Kapitolu msemmi b'dan għalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbilitajiet illi r-reati li dwarhom l-appellant ġie misjub ħati kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, din il-Qorti ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija. Għaldaqstant din il-Qorti ser tbiddel il-piena ta' priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti għal waħda t-terminu ta' liema ser ikun sospiż.

Illi dwar il-multa ta' tlett elef u tmien mitt Euro (€3,800) li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant iħallas, din il-Qorti tinnota li, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, din il-multa għandha titnaqqas għal elfejn Euro (€2,000).

Illi dwar il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija skond id-digriet tal-Qorti tal-Maġistrat (Malta) tas-17 ta' Ġunju 2013 ossia l-ammont ta' tlett elef u ħames mitt Euro (€3,500), din il-Qorti tinnota li *ai termini* ta' Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li issa huwa aktar favorevoli għall-appellant li l-ammont li għandu jkun konfiskat huwa biss is-somma ta' ħames mitt Euro (€500).

Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, it-tieni aggravju tal-appellant qed jiġi milqugħ fis-sens hawn fuq imsemmi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Joseph Cini u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat multa ta' tlitt elef u tmien mitt Euro (€3,800) u minflok tikkundanna lill-appellant għall-ħlas ta' multa ta' elfejn Euro (€2,000);

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija skont id-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli nhar is-17 ta' Ġunju 2013, ossia s-somma ta' tlitt elef u ħames mitt Euro (€3500) u minflok tordna li tiġi kkonfiskata biss is-somma ta' ħames mitt Euro (€500);

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat erbatax (14)-il xahar priġunerija u minflok wara li rat Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-appellant għall-perijodu ta' sena priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment, din il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi mgħoddija lil:

- Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex tiġi inserita fl-atti tal-kawżi pendenti quddiemha bin-numri 469/2017 AMG u 1180/2009 MV;

- Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) sabiex tiġi inserita fl-atti tal-kawża pendenti quddiemha bin-numru 101/2019 EG.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**